MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru. 38/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Hersey**

**vs**

**Michael Said**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Michael Said ta’ 30 sena, iben Carmelo u Elvira xebba Mifsud, imwieled l-Ingilterra fit-22 ta` April, 1974 u residenti 1, Triq San Lawrenz, Sliema u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 0545790 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

F`San Giljan, fil-lejl bejn il-11 ta` April, 2001 u t-12 ta` April, 2001,

(1) Ikkommetta serq ta` mutur ta` ghamla “Gilera” bin-numru tar-registrazzjoni FAL 128, bin-numru tal-magna M081M43757 u bin numru tas-chassis ZAPM0800013018032, ghad-detriment ta` Kurt Soler li ghandu n-numru tal-karta ta` l-identita` 0199074 (M), liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm 100) izda ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm 1,000), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u aktar,

(2) Fil-21 ta` Lulju, 2004, u matul xhur ta` qabel din id-data, f`Malta xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat sew jekk dan sar f`Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b`kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom, u aktar talli

(3) Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, u fix-xhur ta` qabel f`dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal numru tar-registrazzjoni bin-numru originali UHU 650 li tappartjeni vettura ohra Suzuki 650 bl-istess numru tar-registrazzjoni, fuq l-istess mutur “Gilera” li kien qed isuq, u aktar talli,

(4) Fl-Ghassa tal-Pulizija ta` tas-Sliema fit-13 ta` Dicembru, 2001 iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta` reat b`mod li jistghu jinbdew proceduri Kriminali sabiex jizguraw dak ir-reat kien sar, u aktar

(5) Fil-21 ta` Lulju, 2004 ghal habta tal-17.10 hrs, gewwa Valletta Road Mosta, saq vettura (mutur) ta` ghamla “Gilera” li ghandha numru originali FAL 128, minghajr ma kienet koperta b`polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni, u aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, u fix-xhur ta` qabel f`dawn il-Gzejjer

(6) Saq din il-vettura Gilera bin-numru ta` identifikazzjoni xort`ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioe` ghamel uzu minn pjanca tan-numru tar-registrazzjoni ohra Nru: UHU 650 ta` vettura Suzuki 650, fuq il-vettura ta` ghamla Gilera li kien qed isuq, u aktar

(7) Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, u fix-xhur ta` qabel f`dawn il-Gzejjer saq vettura ta` ghamla Gilera li ghandha numru originali FAL 128, minghajr ma kienet illicenzjata biex tintuza fit-triq mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-trasport ta` Malta (licenzja mhux renovata), u aktar

(8) Sar recidiv ai termini ta` l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali meta hu kien diga` nstab hati u gie kkundannat ta` reati, b`sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati mghotija nhar l-ewwel ta` Novembru, 1996, u nhar is-16 ta` Mejju, 1995 liema sentenzi gew konfermati u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita, tordna li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat min kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Jannar 2005 (esebit a fol. 17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-4 ta’ Marzu 2005 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li fl-udjenza tal-24 ta’ Jannar 2008 il-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Rat is-*Social Inquiry Report* esebit a fol. 95 et sequitur tal-process.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-21 ta' Lulju 2004 ghal habta tal-5.30pm PC 230 Joseph Buhagiar waqqaf lill-imputat li kien qed isuq mutur tal-ghamla Gilera bin-numru tar-registrazzjoni UHU 650. Meta PC 230 ivverifika mal-Control Room dwar il-licenzja tal-imsemmi mutur gie infurmat li n-numru tar-registrazzjoni li kien hemm imwahhal mal-mutur kien jirreferi ghal mutur tal-ghamla Suzuki. L-imputat ittiehed id-Depot ghal aktar investigazzjonijiet u rrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 18 u 19 tal-atti processwali) fejn l-imputat stqarr li madwar tlett snin qabel kellu mutur tal-ghamla Suzuki 650 bin-numru tar-registrazzjoni UHU 650. L-imputat stqarr ukoll li kien tilef in-numru tar-registrazzjoni u ghamel rapport f'dan is-sens lil Pulizija izda meta wara ftit taz-zmien rega' sab il-pjanci bin-numru tar-registrazzjoni huwa ma kienx informa lil Pulizija. Meta gie mistoqsi minn fejn kien gab il-mutur tal-ghamla Gilera l-imputat ghal ewwel ma wegibx u meta gie mistoqsi jekk dan il-mutur kienx misruq huwa qal li ma riedx iwiegeb ghaliex sid il-mutur kien mejjet. L-imputat stqarr ukoll li kien ilu juza dan il-mutur ghal madwar tlett snin u li dan il-mutur la kien licenzjat u l-anqas kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Meta l-imputat gie nfurmat li kien ser jinzamm arrestat ghaliex kienu ser isiru aktar investigazzjonijiet huwa ghazel li jirrilaxxja stqarrija ohra (esebita a fol. 20 u 21 tal-process) fejn stqarr li ser jghid il-verita' kollha. F'din it-tieni stqarrija l-imputat qal li l-mutur tal-ghamla Gilera kien serqu minn Tas-Sliema, il-mutur kien parkeggjat ghan-nizla u huwa mbuttah u startjah u qal li n-numru tar-registrazzjoni ta' dan il-mutur kien ramieh fi skip. Huwa qal ukoll li kien biddel il-kulur tal-mutur minn iswed ghal blu u isfar.

F’dawn il-proceduri xehed Kurt Soler (xhieda inserita a fol. 42 u 43 tal-process), sid il-mutur Gilera bin-numru tar-registrazzjoni FAL 618 li spjega li l-mutur tieghu kien insteraq mill-car park tal-Axis, San Giljan fit-12 ta’ April 2001.

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 116 et sequitur tal-process) fejn essenzjalment ikkonferma il-verzjoni tal-fatti minnu moghtija fl-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-Pulizija u qal li ma kienx jiftakar isem il-persuna li minghandu kien xtara l-mutur izda qal li llum il-gurnata dan huwa mejjet.

Ikkunsidrat:

Kif diga’ ntqal aktar ‘il fuq l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat, u cioe’ dik ta’ serq aggravat giet irtirata mill-Prosekuzzjoni. In kwantu jirrigwarda t-tieni akkuza, u cioe’ dik ta’ ricettazzjoni, din tirrizulta ampjament pruvata mill-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-imputat kif ukoll mix-xhieda minnu moghtija f’dawn il-proceduri. Il-Qorti jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija fl-ewwel stqarrija hija aktar verosimili anki ghaliex mix-xhieda ta’ Kurt Soler jirrizulta li l-mutur in kwistjoni kien insteraq minn San Giljan u mhux minn Tas-Sliema kif allega l-imputat fit-tieni stqarrija. Il-hames, is-sitt u s-sebgha akkuza ukoll jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li l-imputat ammetta li kien wahhal in-numru tar-registrazzjoni tal-mutur li kellu qabel fuq il-mutur tal-marka Gilera u li kien qed isuq dan il-mutur minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni u minghajr ma l-mutur ma kien licenzjat.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tielet akkuza l-imputat jinsab akkuzat li ffalsifika jew ghamel uzu minn dokument iffalsifikat. Il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta li l-imputat fil-fatt ma ffalsifika ebda dokument izda uza numru tar-registrazzjoni ta’ mutur iehor ghal mutur tal-marka Gilera. Il-fattispeci ta’ dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat ta’ falsifikazzjoni izda fir-reat li bih l-imputat jinsab akkuzat

permezz tas-sitt akkuza li taghha fil-fatt l-imputat qed jinstab hati. L-imputat qieghed ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tar-raba' akkuza l-imputat jinsab akkuzat li ddenunzja reat li kien jaf li ma sarx jew li holoq tracci ta' reat, u cioe' bir-reat kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova li sar dan ir-reat. Kull ma gie pruvat huwa li l-imputat kien irraporta li kien sab in-numru tar-registrazzjoni tal-mutur tieghu nieqes izda bl-ebda mod ma gie pruvat li fil-mument li l-imputat ghamel ir-rapport huwa kien jaf li l-pjanci tar-registrazzjoni tal-mutur tieghu ma kienux insterqu. Kull ma gie pruvat kien li l-imputat sab il-pjanci u naqas milli jinforma lil Pulizija izda fil-fehma tal-Qorti dan l-agir ma jammontax ghal holqien ta tracci ta' reat jew ghal denunzja ta' reat li l-imputat kien jaf li ma sarx. L-imputat qed jigi ghalhekk dikjarat mhux hati tar-raba' akkuza u konsegwentement liberat mill-istess akkuza,

Permezz tat-tmien akkuza l-imputat qed jigi akkuzat li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dawn il-proceduri gew esebiti zewg sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, wahda moghtija fit-18 ta' Marzu 1994 (esebita a fol. 50 sa 51) u l-ohra moghtija fl-1 ta' Novembru 1996. Ir-reati li taghom l-imputat qed jinstab hati sehhew fil-21 ta' Lulju 2004 u ghalhekk oltre l-hames snin indikati fl-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imputat qieghed ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tat-tmien akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-kontenut tas-Social Inquiry Report u jidrilha li f'dan il-kaz m'ghandhiex tigi applikata piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u qed tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet,

ir-raba' u t-tmien akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi. Wara li rat l-Artikoli 17, 279 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1)(1A) u 15 (1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-imputat hati tat-tieni, l-hames is-sitt u s-seba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erbatax - il xahar (14) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) millum u tikkundannah multa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) - il xahar milum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------